FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

26 ta' Marzu 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Wiehed u Erbghin (41) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 3 ta' Marzu 2010 fl-4.00pm.**

Il-Wiehed u Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Offerta ta' vaska
6. Jum il-Floriana
7. Permessi ta' gabbani waqt attivitajiet fil-Floriana
8. Relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija
9. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
10. Celebrazzjonijiet Lejlet l-Ewwel tas-Sena
11. Monument b'tifkita tal-25 sena rebh tal-Kampnjonat mill-Floriana FC
12. Ghazla tal-Offerti:
    i. KLF/Q/23/09 – Provvista u delivery ta' recipjenti ghall-fdalijiet taz-zwiemel u recipjenti ghal siringi uzati
    ii. KLF/Eoi/01/10 - Disinn tal-Monument ta' Robert Samut
    iii. KLF/Q/01/10 – Twahhil ta' bollards fi Triq San Frangisk
    iv. KLF/Q/02/10 – Stampar ta' Ktejjeb
13. Assemblea Generali Furjaniza
14. Ħwejjeg Oħra
15. Aġġornament tal-laqgħa

Ghal-Wiehed u Erbghin (41) Laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## <u>1.0 Approvazzjoni tal-Minuti</u>

1.1. Il-minuti tal-Erbghin (40) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni ghal korrezzjonijiet li gejjin:

1.2.1 Pagna 1: "*L-Erbghin laqgha*" minflok "*Is-Sebgha u Tletin Laqgha*"
1.2.2 Pagna 5: Issir addenda qabel materja 6.2 - "*Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex wiehed mill-personalitajiet ikun Tony Cauchi minflok Lolly Borg kif propost mis-Sindku. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssekondat din il-mozzjoni. Ittiehed vot bir-rizultat kien:*
*Favur: 3 (VB, FD, SSH)*
*Kontra: 2 (NH, ET)* "
1.2.3 Pagna 5: F'materja 6.4 jigi indikat li s-sotto kumitat huwa dak "*tar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali*".
1.2.4 F'pagna 8, id-data tal-kontinwazzjoni tal-laqgha kienet "f*it-8 ta' Frar 2010*" u mhux "*8 ta' Dicembru 2010*".

1.3 Il-Kunsillier Sandra Sammut Hili ressqet korrezzjoni dwar 5.3 fejn zdiedet addenda "*Il-Kunsilliera Sammut Hili semmiet ukoll li hija kienet hasbet li kienet xi direttiva mill-organizzaturi tal-Karnival u mhux suggeriment.*"

1.4 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament bil-korezzjonijet msemmija f'1.2 u 1.3 wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Il-minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.7 Il-minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili giebdet l-attenzjoni ghall-korrezzjonijiet li gejjin:
1.8.1 F'materja 3.2, Harga ghal Marsaxlokk u mhux ghal Ghawdex
1.8.2 Titnehha s-sentenza "Rigward din il-kariga, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili semmiet l-attivita' kulturali li ssir kull sena, il-Florianafest."
1.8.3 Tizdied fl-ahhar tal-paragrafu ta' materja 3.4 li l-fun run ittellghet ukoll fl-Arena tal-Indipendenza flimkien mal-ghaqdiet sportivi lokali ohrajn.
1.8.4 Fil-mistoqsijiet mir-residenti, kien is-Sur Muscat li rringrazzja lill-Kunsilliera Sammut Hili u mhux is-Sur Borg.

1.9 Il-minuti msemmija f'1.7 flimkien mal-korrezzjonijiet imsemmija f'1.8 gew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill proposta mill-Kontessa Compagnoni Floriana biex il-Kunsill jixtri numru ta' pubblikazzjonijiet bl-isem "Difesa e Offesa delle Piazze" dwar xogħlijiet ta' Pietro Paolo Floriani, biex jgħin fil-finanzjament ta' din il-pubblikazzjoni. Il-Kunsill qabel li jixtri ħmistax-il ktieb bil prezz ta' €35 –il wieħed.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mill-Arcipriet fejn spjega r-ragunijiet għat-talba tiegħu għall-finanzjament tal-festin tat-tfal kif ukoll tal-helpers. Il-Kunsill qabel li ladarba l-irċevuti fiskali ma ġewx ipprezentati, dawn l-ispejjeż xorta m'għandhomx jiġu approvati.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand sid il-ħanut Bon Apetit fi Triq Sant'Anna fejn oġġezzjona għas-somma mitluba lilu mill-Kunsill bħala danni u talab li jiltaqa' mal-Kunsill rigward dan. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjah u jiffissa laqgħa miegħu.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa imma dan sakemm li kull spiża li ssir ma tkunx parti mill-allokazzjoni ta' €3500 għall-ġemellaġġi.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand is-Sur Norman Hamilton rigward kontravvenzjoni maħruġa f'ismu għar-raġuni li l-vettura tiegħu kienet ipparkjata fuq parti mill-Keep Clear li hemm quddiem il-Knisja ta' San Publju. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja l-Authorised Officer tal-Kunsill u jinfurmah b'dan l-ilment filwaqt li jħalli f'idejh biex jieħu d-deċiżjoni li jidhirlu ġusta.

2.6 B'riferenza għall-komunikazzjoni preċedenti, il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkuntattja lill-Arcipriet WR Richard Borg biex jieħu l-kummenti tiegħu dwar il-possibilta' ta' tneħħija tal-yellow line minn quddiem il-Knisja.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland għamel riferenza għall-Memo Interna dwar it-Tipping Fees fejn talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega f'iktar dettal f'hiex tikkonsisti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-lokalita tal-Floriana qed tarmi skart ħafna aktar mill-medja stipulata mill-Uffiċċju tal-Istatistika filwaqt li qed jarmi skart riċiklat ħafna anqas mill-medja. Peress li l-Kunsill ser jibda jħallas tat-Tipping Fees, il-Kunsill għandu raġuni ulterjuri biex jagħmel kampanja fost ir-residenti tiegħu biex jirriċikla l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li ma jistax joħroġ is-sejħa tal-ġbir ta' skart peress li l-Kunsill għadu m'għaddilux l-iskeda ta' frekwenzi. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti mill-aktar fis possibli u li l-iskeda tal-ġbir ta' skart għandha tibqa' kif inhi attwalment mingħajr modifikazzjonijiet, jiġifieri mit-Tnejn sal-Ħadd u nhar ta' Tlieta jkun hemm ġabra addizzjonali ta' skart riċiklat.

2.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuġġeriet li għandhom isiru bins tal-iskart separat mal-ħajt tal-iSkola Primarja minħabba li ħafna ġenituri li jiġu jiġbru lit-tfal tagħhom, ma jsibux fejn jarmu. Il-Kunsill qabel li għandhom jiżdiedu dawn il-bins fil-viċinanzi tal-iSkola.

2.9 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jressaq ir-reviżjoni tal-iskeda tal-frekwenzi tal-knis tat-toroq fil-Floriana. Il-Kunsill approva l-modifikazzjonijiet tal-iskeda tal-frekwenzi tal-knis tat-toroq. L-iskeda approvata tinsab mehmuża ma' dawn il-minuti.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand il-Foundation for Human

Resources Development ta' Pjazza Robert Samut, fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex isiru tabelli biex il-karozzi jipparkjaw bl-exhaust pipe 'il barra. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li jitwahhlu dawn it-tabelli.

2.11 B'riferenza ghall-komunikazzjoni precedenti, il-Kunsillier Vincent Borg talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tizdied parking bay fi Pjazza Robert Samut. Il-Kunsill qabel.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana FC fejn talbu li dakinhar li ser jigi organizzat il-kuncert Isle of MTV kif ukoll fil-festa, ikunu jistghu johorgu mwejjed u siggijiet quddiem il-kazin taghhom fi Triq Sant'Anna kif ukoll fi Triq San Publju. Il-Kunsill approva sakemm dawn ghandhom il-permessi minghand entitajiet terzi persuni skond il-ligi.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Herman Zandt fejn talab li jsiru xi planters fi Triq Antonio Agius. Il-Kunsill approva u qabel ukoll li ghandu jivverifika jistax jaghmel planters tul it-triq kollha.

**Nota: 18:00 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat minhabba impenn iehor relatat mal-Kunsill. Il-Kunsill approva.**

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Mark Ciantar f'isem is-Socjeta Filarmonika Vilhena, fejn giet mitluba l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill ihallas ghas-sound u l-video tal-Oratorju li ser isir konguntament mal-Kunsill. fejn offra lill-Kunsill li johrog kwotazzjonijiet ghas-sound u l-video tal-Oratorju li ser jittella' flimkien mas-Socjeta' tal-Banda. Il-Kunsill qabel li din tkun nefqa approvata mill-Kunsill.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq xi korrispondenzi minghand it-tfal tal-iskola Primarja li ilmentaw dwar l-istat tas-subways ta' Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ladarba dawn ma jaqghux taht il-Kunsill, ghandu jibghat dawn l-ittri lill-TM (ex-ADT)

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kumitat tal-Festa ta' San Publju fejn offrew lill-Kunsill biex jiehu hsieb is-servizz tal-kiri ta' vetturi ghall-armar tal-festa total ta' €500. Il-Kunsill approva t-total massimu ta' €500 ladarba jigu pprovduti l-ircevuti fiskali kollha.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttur tas-sit mymaltainfo.com fejn offra lill-Kunsill li jirriklamaw il-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat ghal xahar fuq is-sit taghhom ghall-prezz ta' €40. Il-Kunsill approva.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand The Scout Association of Malta fejn infurmaw lill-Kunsill li kienu ser itellaw parata fil-11 t'April 2010 fuq il-Fosos. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni izda qabel li ladarba din il-parata ser tahbat mal-hrug tal-vara ta' San Publju fl-istess data, ghandu jiehu hsieb jinformahom b'dan u bil-purcissjoni li ser ikun hemm dakinhar.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ambaxxata Turka fi Pjazza Sir Luigi Preziosi fejn talbu zewg *reserved parking spaces* quddiem il-bieb tal-Ambaxxata. Il-Kunsill qabel ladarba dawn iridu jinghataw b'mod obbligatorju.

2.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Librerija Pubblika fejn talbu lill-Kunsill jikkuntattja lill-ADT u jitlob li s-servizz tal-Park and Ride jibda' jasal anke sal-Librerija Pubblika. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-ADT dwar dan. Huma talbu wkoll li jkun hemm

tmien parking spaces ristretti bil-hin quddiem il-Librerija minhabba l-problema ta' parkegg. Il-Kunsill approva.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku dwar jekk jistax jinghata spazju ta' kwarta fuq il-programm tal-Kunsill fuq Radju Vilhena fejn f'din il-kwarta, jigu mistiedna xi tfal maghzula mis-Surmast tal-Iskola Primarja biex jitkellmu dwar il-kampanja ta' riciklagg li qed jaghmlu. Is-Sindku wiegeb fil-pozittiv.

3.2 Il-Vici Sindku Franco Davies saqsa dwar ghalfejn id-decizjoni li kienet ittiehdet biex tinghalaq il-Polverista b'cint baqghet ma saritx. Is-Sindku sostna li ghalkemm huwa ma jaqbilx li dan ic-cint isir ghax ha jinghalaq l-access, id-decizjoni tal-Kunsill ghandha tigi ezegwita sakemm il-Kunsill ma jiddecidix mod iehor. Fil-fatt il-Kunsill qabel li dan ic-cint m'ghandux isir u minflok Il-Kunsill ghandu jibghat ittra lill-Pulizija dwar il-periklu li hemm.

**Nota: 1825 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-Gvern biex titranga Triq l-Argotti peress li din tinsab fil-biswit tar-rotta tal-Papa u minhabba l-hafna gurnalisti li ser ikun hemm dakinhar taz-zjara Tieghu. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill diga' kellu c-cans iressaq it-talbiet lill-Gvern u li d-data tal-gheluq skadiet apparti li ma jhossx li din it-triq ghandha rilevanza maz-zjara tal-Papa. Is-Sindku kompla li l-Gvern ghandu xorta wahda jaghmel din it-triq b'konnessjoni mal-progett ta' housing li sar fl-istess akwata.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **36-05 A-C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8319 sa 8392.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8319 sa 8392, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Offerta ta' vaska

5.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega f'iktar dettall

minhabba li kien hu li pogga din il-materja fuq l-agenda.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif persuna li ghandha bini fil-Floriana u li kien ghadu kif gie approvat mill-MEPA biex jitwaqqa' u jinbena bini residenzjali fi Pjazza Sir Luigi Preziosi offra li jaghti lill-Kunsill, vaska antika li kien hemm fil-bini tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din il-vaska kienet fost ir-raguni tal-oggezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ghal dan l-izvilupp minhabba li l-Kunsill ihoss li wahda mill-kundizzjonijet tal-*outline permit* biex din il-funtana ma tintmissx kellha tkun osservata.

5.3 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa wara li jkun inkisbet kopja tal-permess bil-kundizzjonijiet tal-MEPA.

## 6.0 Jum il-Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi fakkar li Jum il-Floriana ser jigi iccelebrat fil-11 ta' April 2010.

6.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar jekk il-Kunsill kienx inghata twegiba dwar il-possibilita' li jinghata premju lil xi membru tal-Korp tal-Pulizija tas-servizz tieghu fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra formali lill-Kummissarju ghall-permess tieghu.

6.3 Il-Kunsillier Vincent Borg staqsa lill-Kunsill jekk kienux gew infurmati l-persuni li ser jigu onorati permezz ta' banner dakinhar ta' Jum il-Floriana. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-maggoranza taghhom kienu diga' gew ikkuntattjati u li fil-fatt qed jigu miksuba ir-ritratti biex dawn jigu riprodotti fuq il-banners.

6.4 Il-Kunsill qabel biex bhas-snin l-imghoddija l-prezentazzjonijiet tal-premjijiet ghandhom isiru l-Gimgha 9 t'April 2010.

6.5 Il-Kunsill qabel li f'din l-attivita' ssir esebizzjoni ta' ritratti tal-Floriana, liema ritratti jistghu ikunu ghal-bejgh ukoll. Il-Vici-Sindku Franco Davies ghandu jiehu hsieb l-organizazzjoni ta' din l-esebizzjoni.

## 7.0 Permessi tal-gabbani waqt attivitajiet fil-Floriana

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'kaz li kien hemm fil-jiem tal-Karnival fejn sid ta' gabbana kellu l-permess jarma' fi Triq Sant'Anna izda spicca ha anke parti minn Triq is-Suq bl-istess gabbana.

7.2 Is-Sindku ssuggerixxa li meta jkun hemm xi attivita' li ghaliha jkun hemm numru kbir ta' permessi ghall-gabbani, il-Kunsill ghandu jiehu hsieb jordna gwardjan lokali biex flimkien mal-Pulizija, ikun jista' jinzamm kontroll ahjar u anke jigu mharrka dawk l-applikanti li jiksru xi regolamenti. Il-Kunsill qabel.

7.3 Il-Kunsill qabel ukoll li l-qisien tal-gabbani ghandhom jergghu jibdew jigu nfurzati iktar minhabba l-abbuzi ta' xi applikanti li jarmaw b'iktar mill-qis permess lilhom.

7.4 Is-Sindku talab li fl-agenda tal-laqgha li jmiss ghandha titpogga l-materja ta'

*Permessi tal-kazini f'attivitajiet fil-Floriana*.

7.5 Il-Kunsill qabel li fir-rigward tal-multa li qed jitlob il-Kunsill minn dawk is-sidien tal-hwienet li kisru xi kundizzjonijiet dakinhar ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena, il-Kunsill ghandu jiehu hsieb jirrispondi lis-sidien li talbu laqgha mal-Kunsill u jirrispondi bl-avukat tal-Kunsill lil min baghat ittra bl-avukat.

## 8.0 Relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi ssuggerixxa li l-Kunsill jorganizza reciviment ghall-Pulzija tad-Distrett u dan bhala rikonnoxximent tax-xoghol taghhom fil-komunita. Ovvjament, is-Sindku kompla li dan il-gest ghandu jservi biex itejjeb ir-relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija.

8.2 Il-Kunsill qabel unanimament mas-suggeriment tas-Sindku imsemmi f’8.1 u qabel ukoll li ghandhom jigu mistiedna l-gwardjani lokali wkoll. Il-Kunsill ghandu jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar din l-istedina.

8.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar il-possibilita' li l-Kunsill jistaqsi l-parir tas-Supretendent li jinghata premju lil xi membru tal-Korp tal-Pulizija.

8.4 Is-Sindku wiegeb li s-Supretendent kienet diga' giet ikkonsultatha u kienet ipproponiet li tintbgahat ittra lill-Kummissarju ghall-permess tieghu.

## 9.0 Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

9.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa dwar jekk ghandhiex ssir minuta ta' silenzju qabel il-bidu tal-Festival bhala rispett lejn il-vittmi tal-isplużjoni tal-karma tan-nar ta' San Bastjan. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi diskussa iktar 'il quddiem.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-suggeriment tal-organizzatur tal-Festival li jibdew jinghataw *trophies* ohrajn, differenti minn dawk li nghataw fis-snin imghoddija. Il-Kunsill approva li johrog sejha ghall-offerti.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsilliera li jaghtu daqqa t'id fejn ikun necessarju lill-Kunsillier responsabbli mis-Sotto kumitat tal-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat minhabba l-vojt tar-rizenja tas-Segretarju tal-istess sottokumitat.

9.4 Il-Kunsill qabel li ghandhom jitnizzlu l-ismijiet tal-kmamar tan-nar li ser jiehdu sehem fil-poster ta' din l-edizzjoni tal-Festival.

## 10.0 Celebrazzjonijiet ta' Lejlet l-ewwel tas-sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li huwa pogga din il-materja fuq l-agenda biex jibda l-process tal-organizazzjoni ta’ din l-attivita’.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland semma li sar jaf li kien hemm il-Kunsill Lokali Valletta li kien ha jisraq l-idea u kienu interessati li din l-attivita’ tigi organizzata fil-Belt. Is-Sindku

Nigel Holland sostna li l-Kunsill ghandu minn issa jibda jahdem fuq din l-attivita', fost ohrajn billi jingiebu sponsors.

10.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex titghajjat laqgha tas-sotto-kumitat li jiehu hsieb l-organizazzjoni ta' din l-attivita'.

## 11.0 Monument b'tifkira tal-25 sena rebh tal-Kampjonat mill-Floriana FC

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-korrispondenza tas-Sur Publio Agius b'riferenza ghall-ittra mibghuta lilu mis-Sindku.

11.2 Il-Kunsill iddecieda biex din il-materja terga' tigi diskussa aktar 'il quddiem wara li ssir evalwazzjoni tal-ittra tas-Sur Agius u anke sabiex il-Kunsill jara jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar tilhaqx tohrog il-permess.

**Noti: 19:20 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**
**19:21 Is-Sindku Nigel Holland flimkien mal-Kunsillier Edward Torpiano talbu li jkunu skuzati minhabba impenji ohra.**
**19:21 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**
**19:21 Il-Vici Sindku ppresieda l-laqgha fl-assenza tas-Sindku Nigel Holland.**

## 12.0 Għażla tal-Offerti : -

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah il-kaxxa tal-offerti fil-prezenza tal-Vici Sindku Franco Davies, s-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-membri Vincent Borg u Sandra Sammut Hili.

### 12.1 KLF/Q/23/09 – Provvista u delivery ta' recipjenti ghall-fdalijiet taz-zwiemel u recipjenti ghal siringi uzati

12.1.1 Minhabba li l-Kunsill kien ghadu ma rceviex l-informazzjoni mitluba minghand il-kuntrattur, il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' titpogga fl-agenda tal-laqgha li jmiss sakemm tigi l-informazzjoni mitluba.

### 12.2 KLF/Eoi/01/10 - Disinn tal-Monument ta' Robert Samut

12.2.1 Minhabba li l-Kunsill ma kellu l-ebda offerta' ghal dan id-disinn, il-Kunsill qabel li ghandha terga' tinhareg sejha ghall-offerti.

### 12.3 KLF/Q/01/10 – Twahhil ta' bollards fi Triq San Frangisk

12.3.1 Il-Kunsill kellu zewg offerti.

12.3.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' Karl de Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (FD, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**12.4 KLF/Q/02/10 – Stampar ta' Ktejjeb**

12.4.1 Il-Kunsill kellu tliet offerti. Gie innutat li wahda mill-offerti kienet vojta.

12.4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' Color Image fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (FD, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 13.0 Assemblea Generali Furjaniza

13.1 Il-Vici Sindku Franco Davies spjega li l-programm ta' din l-attivita' huwa lest u approvat u fakkar li fost il-kelliema ser ikun hemm il-Kontessa Carla Compagnoni Floriani u s-Sindku ta' Macerata.

13.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill ihallas ghall-ikla kuljum lil dawn il-mistednin barranin flimkien ma' zewg membri tas-sotto-kumitat bin-nisa taghhom kif gie rakkomandat mis-sotto kumitat. Il-Kunsill approva.

## 14.0 Ħwejjeġ Oħra

14.1 Il-Vici Sindku Franco Davies staqsa fejn ghandhom jitwahhlu it-tlett boards bil-mappa tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li dawn il-boards ghandhom jitwahhlu f'dawn il-postijiet :- wahda hdejn il-Biskuttin, wahda fit-Telgha tal-Kurcifiss u l-ohra faccata tad-Dar tal-Kunsill.

14.2 Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ghandha ssir parking bay ghall-nies bi bzonnijiet specjali fi Triq Sant'Anna, quddiem il-Lollies Snack Bar. Il-Kunsill approva.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li jsiru traffic lights hdejn id-Dar ta' Sarria li jkunu koordinati mat-traffic lights ta' Triq Sant'Anna. Il-Kunsill ma qabilx li ghandhom jigu nstallati traffic lights izda qabel li ghandhom jizdiedu t-tabelli li jindikaw li fil-vicinanzi hemm Dar tal-Anzjani.

14.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jikteb lill-awtoritajiet dwar l-istat ta' periklu tal-latrina ta' Triq Vincenzo Dimech. Il-Kunsill qabel.

14.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq ilment minghand resident li talab li ssir parking bay ohra hdejn il-Knisja tal-Kapuccini minhabba li f'dan l-ispazju, xorta wahda kienet qed tipparkja karozza. Il-Kunsill ma qabilx li tizdied din il-parking bay minhabba li jekk tipparkja vettura kbira f'dan l-ispazju, kien ser jinholoq ostaklu.

14.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li ssir motorcycle bay fi Triq San Tumas. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

14.7 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li nhar is-17 ta' Marzu 2010, it-tfal tal-iskola Primarja kienu ser ihawwlu xi pjanti li kabbru huma stess. Dawn il-pjanti ser jithawwlu fiz-zona ta' taht il-Forka.

14.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq l-ilment tas-Sur Vincent Bonnett fejn talab li jitnehha l-planter ta' quddiem il-bieb tad-dar tieghu u jithalla biss il-hadid. Il-Kunsill ma qabilx li din ghandha titnehha..

14.9 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li fi Pjazza Robert Samut hemm yellow line u residential parking bay fl-istess hin u ghalhekk kienet qed tinholoq konfuzjoni. Huwa ssuggerixxa li t-tabella tal-hin limitat titwahhal iktar 'il fuq u jergghu jinzebghu l-yellow lines kif suppost. Il-Kunsill approva.

14.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jikteb lill-Ambaxxata Taljana biex jinghata provvista ta' dawl ghall-kamra tas-suldati li jkunu ghassa mal-Ambaxxata. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jikkuntattjahom minhabba li din l-inizjattiva ghandha tigi mill-Ambaxxata.

14.11 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li parti mill-bankina ta' Triq il-Konservatorju kienet qeghda tisfronda. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lill-haddiema tieghu biex jaraw x'jista' jsir.

**Nota: 20:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano rritorna lura ghal-laqgha.**

14.12 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li jsiru zewg planters ohra gewwa l-bitha tal-Qasam tad-Djar. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 20:20 Is-Sindku Nigel Holland rritorna lura ghal-laqgha. Nh: rritorna 2020**

14.13 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien qed isir xoghol bl-iscaffolding fi Triq l-Iljun u li minhabba dan, resident ma setax idahhal u johrog il-karozza mil-garaxx tieghu f'din l-istess triq. Il-Kunsill qabel li sakemm jitlesta dan ix-xoghol, ghandu jiehu hsieb inehhi parking bay minn quddiem il-garaxx tar-resident biex b'hekk tissolva din il-problema.

14.14 Is-Sindku Nigel Holland propona li jitnehhew id-double yellow lines li hemm fi Triq il-Kapuccini, quddiem il-garaxxijiet tal-Gvern. Il-Kunsill qabel.

14.15 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex torganizza coffee morning nhar it-18 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill approva.

14.16 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet ilment mir-residenti taz-zona ta' Balzunetta li lmentaw dwar it-trabijiet li qed ikun hemm. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-Awtorita' tad-Djar dwar dan.

## 15.0 Aġġornament tal-laqgħa

15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-5 t'April 2010 fil-17:45.

Il-laqgha ntemmet fid-20.55.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv |